MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Gunju, 2008

Numru. 569/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Sammut)**
**(Spettur T. Micallef)**

**vs**

**Suleiman Ismail Abubaker**

Illum 29 ta’ Gunju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Suleiman Ismail Abubaker ta’ 27 sena, iben Ismail u Marna, imwieled 1 ta’ Jannar 1981 Sudan, u residenti Flat 2, 27 Joe Ann, Triq il-Ghabiex, San Pawl il-Bahar. ID 35755A.

U nakkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer matul il-lejl ta’ bejn l-27 u t-28 ta’ Gunju 2008, ghal-habta tat-tlieta neqsin kwart ta’

filghodu (02.45hrs), gewwa Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb kontra l-Ispettur T. Micallef, PS928 R. Mifsud Grech, u PC451 A. Bugeja, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' l-Ispettur T. Micallef, PS928 R. Mifsud Grech, u PC451 A. Bugeja, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' Artikolu 95 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe uniformi tal-Pulizija, liema hsara tiskorrix €23.29, ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta’ Malta, u dan bi ksur ta’ Artikolu 325 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe vettura tal-Pulizija bin-numru tar-registrazzjoni GVP502 tal-ghamla Ford, liema hsara tiskorri €116.47 (Lm 50) izda li ma tiskorrix l-€1164.70 (Lm 500), ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta’ Malta, u dan bi ksur ta’ Artikolu 325 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ ghajjat u glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kien qed jaghmlu d-dmirijiet tieghhom, jew b' mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma

halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b' xi mod iehor, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-artikoli 18, 95, 96, 325(1)(b), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt is-seduta mizmuma minn din bhala Qorti Istruttorja fid-29 ta’ Gunju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati odjerni, l-ammissjoni ta’ l-imputat f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 95, 96, 325(1)(b), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ghal perjodu ta’ ghaxar xhur liema perjodu b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiez ghal perjodu ta’ sentejn.

In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28H ta’l-istess Kap 9 tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur ihallas is-somma ta’ tlett mitt Euro (€300) lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, u jekk ma jikkonformax ruhu ma’l-ordni ta’ hlas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------